**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Lulju, 2016

Rikors numru : 142/2016 AL

AB
Vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elf disa` mija u sebgha u tmenin (24/01/1987) u dan min kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat "Dok. A", liema zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Illi minn dan iz-zwieg tal-koppja kien hemm tlett ulied: M li twieled fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena 1988, J li twieldet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena 1991 u Letizia li twieldet fil-hdax (11) ta' Gunju tas-sena 1994;

Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt datat tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) redatt min-Nutar Dr. Rachel Mallia hawn anness u markat "Dok. B";

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom aktar minn hmistax-il sena (15) legalment u fattwalment separati minn xulxin u qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni (pagna 2 klawsola 2) l-mara ddekadiet mid-dritt li tippercepixxi manteniment minghandu u ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-partijiet lejn l-ulied li huma maggorenni u ma humiex jistudjaw f'xi skola jew universita` jew istituzzjoni edukattiva ohra;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmijia jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1)Tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet ;

2)Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javża d-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April 2016;

Semghet lill-intimata, prezenti fl-awla, tiddikjara li ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Semghet lir-rikorrenti jikkonferma ir-rikors promotur bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta’ Gunju 2001 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.